MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 55/2009

**Fl-atti tal-Mandat ta'**
**Qbid Numru 98/2009 fl-ismijiet:**

**Kevin Barbara**

**vs**

**Jean Pierre Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Joseph u Emanuela konjugi Camilleri kif indikati fir-rikors promotur datat is-27 ta' Jannar tas-sena 2009, li permezz tieghu wara li ppremettew:

1. Illi huma proprjetarji ta' l-appartament numru 1, 305, Upper St. Albert Street, Gzira, kif jidher

mill-kuntratt ta' akkwist datat it-18 ta' Lulju tas-sena 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat;

2. Illi huma wkoll propjetarji tal-kontenut u tal-mobbli kollha li jinsab f'dan l-appartament;

3. Illi dan l-appartament qed jintuza prezentement minn binhom Jean Pierre Camilleri;

4. Illi fil-15 ta' Jannar tas-sena 2009 inhareg Mandat ta' Qbid numru 98/2009 kontra l-imsemmi Jean Pierre Camilleri;

5. Illi dan il-Mandat gie ezegwit fuq mobbli li kienu f'dan l-appartament, liema mobbli huma proprjeta` tal-esponenti u mhux tad-debitur Jean Pierre Camilleri;

Rat it-talba tar-rikorrenti kontenuta fl-istess rikors fuq indikat, senjatament;

Illi in vista tal-premess, l-epsonenti qed jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna s-sospensjoni ta' dan il-Mandat ta' Qbdi Numru 98/2009 stante li l-oggetti maqbuda m'humiex proprjeta` tad-debitur izda huma proprjeta` assoluta tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Jannar tas-sena 2009 li permezz tieghu, filwaqt li laqghet l-istess rikors provizorjament ordnat in-notifika tal-kontroparti, li nghata erbat (4) ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta' Kevin Barbara datata s-6 ta' Frar tas-sena 2009 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi l-Mandat ta’ Qbid Numru 98/2009 mahrug fil-15 ta’ Jannar tas-sena 2009, kontra Jean Pierre Camilleri gie ezegwit fuq mobbli li kienu fl-appartament ta’ residenza ta’ l-imsemmi Jean Pierre Camilleri u detenut mill-istess;

2. Illi r-rikorrenti m’oghgobhomx igibu ebda prova illi l-mobbli huma proprjeta` taghhom u mhux tad-debitu Jean Pierre Camilleri;

3. Illi in vista tal-premess, Kevin Barbara jitlob bir-rispett illi l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talba tar-rikorrenti;

Rat id-digriet ulterjuri taghha datat is-16 ta’ Frar tas-sena 2009, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh fl-udjenza hemm indikata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi iben ir-rikorrenti odjerni, Jean Pierre Camilleri, jidher li nhakem mill-vizzju tal-loghob u allegatament akkumula somma konsiderevoli f’dejn fil-konfront ta’ l-intimat;

2. Illi l-kreditur Kevin Barbara pproceda skond il-ligi biex jittutela l-posizzjoni tieghu billi hareg mandat ta’ qbid fil-konfront tal-kreditur tieghu – l-imsemmi Jean Pierre Camilleri;

3. Illi jirrizulta li l-esekuzzjoni pero` giet effettwata fuq mobbli li m'humiex il-proprjeta` ta' l-imsemmi Jean Pierre Camilleri izda tal-genituri tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-mandat de quo gie ezegwit fuq il-persuni erronei li huma ghal kollox estranei ghall-akkadut stante li l-proprjeta` maqbuda hi taghhom u mhux ta' l-allegat debitur ta' Barbara;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi r-risposta ta' l-intimat Kevin Barbara, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Joseph u Emanuela konjugi Camilleri, u konsegwentement:

1. Tordna s-sospensjoni tal-mandat ta' qbid numru 98/2009;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat Kevin Barbara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------